MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 115/2007

**Gina Hili mart Joseph Hili bhala mandatarja specjali ta' l-imsefrin Joseph u Imperia konjugi Tabone**

**-vs-**

**L-Avukat Dr Kevin Mompalao nominat b'digriet tas-17 ta' Awissu 2007 fl-atti ta' l-ittra ufficjali numru 505/2007 tat-13 ta' Lulju 2007 fil-kwalita tieghu bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Brian Sam Psaila**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Gina Hili noe fejn ppremettiet:

1. illi Joseph u Imperia Tabone selfu ammont ta' flus lil Brian Sam Psaila fl-ammont ta' tletin elf lira Maltija (Lm30000);

2. illi Imperia Tabone wahdeha silfet ammont ta’ flus lil Brian Sam Psaila fl-ammont ta’ sittax-il elf u tmien mitt lira Maltija (Lm16,800);
3. illi Brian Sam Psaila permezz ta’ zewg skritturi datati entrambi sittax (16) ta’ Marzu elfejn u sebgha (2007) irrikonoxxa dawn l-ammonti ta’ flus mislufa lilu (Dok A u B);
4. illi l-ammont komplessiv ta’ sitta u erbghin elf u tmienmitt lira Maltija (Lm46,800) huma dovuti lir-rikorrenti.
5. illi l-intimat ghalkemm interpellat diversi drabi biex irodd lura s-somma ta’ sitta u erbghin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm46,800) mislufa mir-rikorrenti lill-intimat, huwa baqa’ inadempjenti.
6. illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut u fil-fhema ta’ l-atturi, l-intimat ma ghandu ebda eccezzjonijiet x’jissolleva kontra l-pagament ta’ l-istess.
7. illi ghaldaqstant ghal dawn il-proceduri huma paplikabbli ddisposizzjonijiet ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat jirritorna lura lir-rikorrenti s-somma ta’ erbghin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm46,800) rapprezentanti ammont lilu misluf mir-rikrrenti, liema ammont ta’ flus ghandu jigi restitwit.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata tmintax ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007) u ta’ l-ittra ufficjali numru 505/2007 datata tlettax (13) ta’ Lulju elfejn u sebgha (2007), tar-rikors numru 266/07/2007 ghall-hatra ta’ kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lil Brian Sam Psaila, kif ukoll tal-mandat illi qed jigi pprezentat kontestwalment ma’ din il-kawza fl-istess ismijiet.

L-intimat huwa mharrek ghas-ubizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur deputat l-avukat Dr Kevin Mompalao (fol. 16) li permezz taghha eccepixxa:

1. illi huwa ma huwiex edott ghall-fatti li taw lok ghal din il-kawza u fil-waqt li jirrimeti ruhu ghall-provi migjuba qieghed jirriserva illi jirrispondi ulterjorment wara li jigi stabbilit kuntatt fl-esteru ma’ Brian Sam Psaila.
2. illi ghal kull buon fini huwa qieghed jopponi t-talba.
3. illi fi kwalukwe kaz ikun x’ikun l-ezitu ta’ dawn il-proceduri, l-ispejjez u drittijiet tal-kuratur deputat ghandhom jigu sopportati anke provvizorjament mill-atturi.
4. illi din ir-risposta qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kuratur deputat l-Avukat Dr Kevin Mompalao, li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti kontenuti f’din ir-risposta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda ta’ Gina Hili.

Rat l-atti tal-kawza, inkluz l-ittri mibghuta mill-kuratur deputat lill-konvenut Brian Sam Psaila u datati 16 ta’ Ottubru 2007 u 5 ta’ Novembru 2007. Dr. Kevin Mompalao ddikjara li ma rcieva l-ebda twegiba minghand il-konvenut.

Ikkunsidrat:-

1. Mill-provi li tressqu quddiemha hu evidenti li Brian Sam Psaila hu debitur ta’ ommu l-attrici Imperia Tabone fl-ammont ta’ sitta u erbghin elf u tmien mitt lira Maltija (Lm46,800) u minn liema ammont l-attur Joseph Tabone hu wkoll kreditur tas-somma ta’ tletin elf lira Maltija (Lm30,000). Jirrizulta li fis-16 ta’ Marzu 2007 il-konvenut iffirma zewg dikjarazzjonijiet:-

(a) **Fol. 4** – li permezz taghha ddikjara li hu debitur ta’ l-atturi Imperia u Joseph Tabone fl-ammont ta’ tletin elf lira Maltija (Lm30,000), somma li giet mislufa lilu qabel dakinhar mill-atturi;

(b) **Fol. 5** – li permezz taghha ddikjaraw li hu debitur ta’ l-attrici Imperia Tabone fl-ammont ta’ sittax-il elf u tmien mitt lira Maltija (Lm16,800).

Jidher li dan id-dokument gie ffirmat quddiem nutar.

2. Ma tressqu l-ebda provi li b’xi mod jistghu jimpingu fuq il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici u inoltre rrizulta li l-konvenut Brian Sam Psaila ma ghamel ebda kuntatt mal-kuratur deputat Dr. Kevin Mompalao.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut nomine tilqa’ t-talba tal-atturi fis-sens li tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas:-

1. Lill-atturi Imperia Tabone u Joseph Tabone s-somma ta’ tletin elf lira Maltija (Lm30,000) in kwantu rrizulta li hu debitur skond id-dikjarazzjoni ffirmata minnu u datata 16 ta’ Marzu 2007 (fol. 4);
2. Lill-attrici Imperia Tabone s-somma ta’ sittax-il elf u tmien mitt lira Maltija (Lm16,800) ohra in kwantu rrizulta li l-konvenut hu debitur skond id-dikjarazzjoni ffirmata minnu u datata 16 ta’ Marzu 2007 (fol. 5).

Bl-ispejjez kif mitluba, b’dan li d-drittijiet tal-kuratur deputat Dr. Kevin Mompalao ghandhom provizorjament jithallsu mill-atturi li jkollhom id-dritt li jirkuprawhom minghand il-konvenut Brian Sam Psaila.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------